# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU.1200

Kaz Nru. 1459

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Anthony Bonnici

u

CSMR (1994) Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li ingusta.

Data: 16 ta' Mejju 2001

Chairman: is-Sur Franco Masini

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-28 ta' Awwissu 2000 permezz ta' ittra li ggib riferenza MSP/TI/51/2000. U dana wara li l-Avukat Dr Joe Caruana Scicluna kiteb lill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali dwar tkeccija mix-xoghol tas-Sur Anthony Bonnici allegata li hi ingusta mis-Socjeta' CSMR (1994) Ltd.

L-Appellant kien assistit mill-Avukat Chirstopher Vella waqt li l-Kumpanijja Appelllata kienet asisstita mill-Avukat Dr John Refalo. Gew mizmuma ghaxar seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellant, li kien jahdem bhala *Storekeeper* u *Logistics Manager* mall-Kumpanijja Appellata, fl-24 ta' April tas-sena 2000 kellu l-impieg tieghu terminat ghaliex, skond l-istess Kumpanijja, rrizulta li kien hemm diskrepanza qawwija fli-*stocks* li taghhom kien responsabbli hu u anke ghaliex ma kienx kompetenti fil-hidma tieghu. Dana gie michud mill-Appellant li rritjena li hu ma kienx responsabbli ghal xi diskrepanzi li seta' kien hemm fli-stores tal-Kumpanijja Appellata u li dejjem qeda' tajjeb d-doveri tieghu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Waqt is-smiegh ta' dan il-kaz it-Tribunal ghamilha car illi dana kien Tribunal Industrijali li xogholu kien li jisma u jiddecidi dwar kaz ta' tkeccija allegata li hi ingusta u mhux xi investigazzjoni kriminali jew xi kawza dwar xi rizarcimenti ta' danni. Il-Kumpanijja Appellata inpernjat il-kaz taghha fuq allegati nuqqasijiet tal-Appellant fit-twettiq tad-doveri tieghu u fuq diskrepanzi sostanzjali fli-*stocks* fl-imhazen taghha li l-Appellant kien responsabbli ghalihom. Jekk nikkonsidraw l-ewwel l-allegati nuqqasijiet tal-Appellant fil-qadi ta' dmirijietu nsibu li hemm kuntrast qawwi bejn dak allegat mill-Kumpanijja Appellata u dak li qalu xi xhieda. Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-ebda *warning* formali qatt ma inghatat lill-Appellant ghad li irid jinghad illi gieli sarulu xi osservazzjonijiet mis-superjuri tieghu wara xi lmenti mis-*salesmen* dwar xi tardjar f'xi taghbijja ta' ordnijiet. Izda kif dejjem sostna t-Tribunal, anke diversament presjedut, huwa desiderabbli hafna li *warnings* ghandhom kemm jista jkun isiru bil-miktub biex jigu evitati ekwivoci. F'dan il-kaz ma jidhirx li *warnings* kien hemm la bil-fomm u wisq inqas bil-miktub. L-allegati nuqqasijiet anke kieku kienu sodisfaccjatament pruvati fl-opinjoni tat-Tribunal ma jammontawx ghall-infrazjoni daqshekk serja li jimmeritaw il-licenzjament tal-Appellant.

It-Tribunal imbaghad ghadda biex jikkunsidra l-akkuza iktar serja tad-diskrepanza fli-*stocks* fl-imhazen tal-Kumpanijja. M'hemmx dubju li l-Appellant kien responsabbli ghal dawn l-imhazen. Huwa normali li *storekeeper* ikun responsabbli ghall-integrita ta' l-imhazen, ghas-sigurta ta' dak li jkun fihom u generalment ghall-amministrazzjoni taghhom b'mod specjali ghal dak li jidhol fihom u johrog minnhom. Fil-kaz in ezami wiehed ma jistax ma jinnotax xi fatturi li jirrendu r-responsabbilta tal-Appellant bhala *storekeeper* inqas assoluta minn kif normalment tistenna. L-ewwel nett jirrizulta li meta l-Appellant ha f'idejh il-kariga ta' *storekeeper* ma tbiddlux ic-cwievet tal-imhazen kif sar sussegwentement meta gie licenzjat l-Appellant. Jirrizulta wkoll illi minn zmien ghall-iehor l-Appellant kien jafda f'idejn il-*Managing Director* ic-cwievet biex dan jiehu xi samples ghal xi fiera jew ghal xi *promotion*. Bl-ebda mod m'hu qed jintefa xi dell fuq dan. Izda kontroll assolut tal-imhazen kien jintilef ghal xi zmien. Kien hemm imbaghad in-nuqqas ta' uzu ta' *computer* fl-imhazen li permezz tieghu setghu jigu mqabbla li *stocks* ma' dak li kien juri l-*computer* fl-ufficcju, tant li l-Appellant kien jipprova jzomm manwalment xi notamenti fuq xi hrug u dhul. Dan in-nuqqas seta kien kawza ta' xi inkonsistenzi bejn dak li kien juri l-*computer* u dak li fisikament kien hemm fl-imhazen kif xehed l-Appellant dwar allegat zball li sar mill-iskrivana (seduta tal-14 ta' Marzu 2001 pagna 12). Kif ga inghad l-Appellant fil-kariga li kellu kien responsabbli ghall-imhazen tal-Kumpanijja u normalment kwalsiasi nuqqasijiet li seta' kien hemm irid jirrispondi ghalihom hu. Izda l-fatti tal-kaz kif ga esposti jnaqqsu xi ftit minn din ir-responsabbilta. Il-Kumpanijja stess mhix konvinta li l-Appellant kien responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet tant li meta giet biex tkeccih il-*Managing Director* infurmah li jekk fil-futur jirrizulta li mhux hu kien hati allura kien jirrifondilu lura xi flus li kien ikun hallas u jaghmillu apologija (seduta tat-22 ta' Novembru 2000 pagna 18).

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kumpanijja Appellata ma ippruvatx li l-Appellant kien responsabbli ghad-diskrepanzi li rrizultaw fl-imhazen taghha. Ma tistax tistrieh biss fuq il-fatt li ghax kien *storekeeper* allura ghandu jigi awtomatikament addebitat bin-nuqqasijiet. Il-provi certi iridu jkunu hemm.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellant ma giex licenzjat ghal raguni xierqa. It-Tribunal mhux tal-fehma li l-Appellant ghandu jigi *reinstated*.

**5. Kumpens**

It-Tribunal jordna li l-kumpens li ghandu jithallas lill-Appellant mill-Kumpanijja Appellata jigi likwidat fis-somma ta' £M1000 li ghandu jithallas sal-31 ta' Mejju 2001.

**6. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja